Is-Segretarju – Anton Quintano
Ċirkolari 1 / 2013

10 ta' Jannar 2013

tel.: 21413243 / 79409888
asadquin@go.net.mt

# MIXJA F'WIED ĦAS-SAPTAN, BIRŻEBBUĠA

**Nhar il-Ħadd 3 ta' Frar 2013**
**Niltaqgħu fil-*car park* ta' Għar Dalam fis-1.45 p.m.**
***Active Participant* – Emanuel Cutajar**

Wied Ħas-Saptan jibda qrib it-tarf tar-*runway* tal-ajruport 'l isfel mill-kappella ta' Loreto u jispiċċa f'Birżebbuġa. Huwa maqtugħ fil-biċċa l-kbira tiegħu fiż-żonqor bil-franka fil-ġnub l-għoljin, dejjaq u fond fil-partijiet ta' fuq, iżda usa' u aktar baxx lejn il-baħar.
Fih flora varjata fosthom siġar u pjanti tal-ħarrub, tin, lewż, żebbuġ, zizu, deru, erika, borgħom, żebbuġija, għansal, ranġis imwaħħar, triglokin, tulliera, tursin ir-riħ u tursin il-bir. Jinsabu speċi varjati ta' insetti u rettili. Ħafna mis-siġar taż-żebbuġ kienu tħawlu fl-1961. Partijiet differenti tal-wied fihom ambjenti varji – sisien, għelieqi u għadajjar.
*-Riferenza: S.M.Haslam, J.Borg, The river Valleys of the Maltese Islands: Environment and Human Impact (Malta 1998), pp. 71-72, 307-308.-*
Se naraw ukoll siti arkeoloġiċi interessanti fosthom it-tempji megalitiċi u sur ta' Borġ-in-Nadur; il-vilel ta' Kaċċatura u Casa Ippolita, fdalijiet ta' erba' perjodi differenti u importanti tal-preistorja u storja ta' Malta.
Is-**Sur Emanuel Cutajar**, li jgħallem fl-Iskola Sekondarja Ogħla, n-Naxxar, huwa membru tal-GTA u huwa midħla sew ta' dawn il-postijiet peress li joqgħod f'Birżebbuġa.

**n.b.** Il-ħarġa tispiċċa għal xi l-4.30 p.m. Huma suġġeriti żraben tajbin għall-mixi. F'każ ta' temp inċert ċemplu lis-segretarju. Jekk il-ħarġa titħassar issir il-Ħadd ta' wara 10 ta' Frar fl-istess ħin u post.

***Avviżi***

- Fis-17 ta' Diċembru 2012 il-kumitat kellu laqgħa mal-Professur Karl Donert, il-President tal-Eurogeo, li fiha ġew diskussi l-qagħda tat-tagħlim tal-Ġeografija f'Malta, xi problemi dwar il-kurrikulu, u x'attivitajiet jistgħu isiru bejn iż-żewġ għaqdiet. Il-membri huma mħeġġa jaraw fil-*websites* tal-Eurogeo.
- F'April se ssir il-Laqgħa Ġenerali. Il-membri kollha huma mħeġġa biex jattendu għax se jkollna *lecture* interessanti. Intom ukoll imħeġġa tikkontribwixxu artiklu dwar il-Ġeografija jew it-tagħlim tagħha f'forma diġitali lil xi wieħed mill-membri tal-kumitat għall-*Geography Teachers' Resource Pack 2013.*

*Mela niltaqgħu f'Birżebbuġa !*